**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Lulju, 2016

Rikors numru : 414/2015 AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata permezz ta' cerimonja religjuza fis-7 ta' Mejju, 1982;

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dr. Rueben Debono datat 4 ta'Frar 2010 (vide kopja annesa u mmarkata bhala Dok. A).

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt (2) itfal illum maggorenni, Melanie li twieldet fil-5 ta' Mejju, 1983 u Chantelle li twieldet fid-29 ta' Gunju, 1988 u ma hemmx kwistjonijiet rigward manteniment jew kwistjonijiet ohra pendenti t'ebda natura bejniethom.

4. Illi ghaddew iktar minn erba` (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata Doris Galea huwa mahlul u li l-partijiet huma divorzjali ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u sabiex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id- divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Novembru 2015;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal din is-seduta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Frar, 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.